MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 34/2013/1

**Harbour Management Limited**

**Vs**

**Joseph Spiteri**

Il-kaz jitratta dwar hlas ta’ berthing fees gewwa l-port tal-Mgarr, Ghawdex u konsum tal-elettriku minn fuq l-irmigg. Jirrizulta li l-konvenut kellu d-dghajsa Nicapoint irmiggata fil-port.

B’sentenza tat-30 ta’ Ottubru 2014, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqgha t-talba tal-attrici u kkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ €1,088.52, bl-imghax mid-data li giet prezentata l-kawza (13 ta’ Settembru 2013).

Il-konvenut appella fejn qal li l-aggravji huma:-

1. M'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-kumpannija attrici.
2. M'hemmx prova li l-konvenut kellu d-dghajsa rmiggata fil-port sas-sena 2012. L-appellant isostni li f'Lulju 2011 *"….. huwa kien mar l-ufficcju tal-kumpannija attrici biex jinfurmahom li huwa ma kienx sejjer jirmigga d-dghajsa tieghu aktar u biex jaqta' l-pendenzi kollha mas-socjeta appellata"* (fol. 54).
3. waqaf jaghmel uzu mill-berth.

L-attrici wiegbet li s-sentenza kellha tigi kkonfermata.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Il-qorti tibda biex tosserva li l-hlas pretiz hu ta' €1,088.52. Skond l-Artikolu 8(3) id-dritt ta' appell hu dejjem moghti fejn l-ammont in kwistjoni jkun jaqbez is-somma ta' €1,164.69. Fejn it-talba hi nqas, appell ikun jista' jsir biss f'wiehed mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Fil-fehma tal-qorti l-ebda wiehed mill-aggravji tal-appellant ma jaqghu taht dawk il-kazijiet fejn jista' jsir appell. Hu evidenti li s-sentenza tat-Tribunal hi bazata fuq semplici apprezzament tal-provi li ngabru quddiemu.

2. F'kull kaz, mill-kontijiet li pprezentat l-appellata (fol. 4 u 5) jirrizulta li l-hlas pretiz jirrelata ghall-perjodu l-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Lulju 2011 u l-1 ta' Awissu 2011 sal-31 ta' Dicembru 2011[1]. Meta l-appellant xehed qal li kien ghal habta ta' 2010 li kien mar l-ufficcju tal-appellata u tkellem ma' certu Veronica u gharrafha li ma kienx ser jibqa' jirmigga d-dghajsa fil-port tal-Imgarr (fol. 40). Min-naha l-ohra Pierre Balzan, ufficjal tal-appellata, xehed li l-marina giet privatizzata f'Mejju 2010 u mir-records taghhom kien jirrizulta li d-dghajsa tal-appellant kienet baqghet irmiggata sa Jannar 2012. Il-qorti, tosserva li:-

   (a) L-appellant ma pprezenta l-ebda ricevuta li fis-sena 2010 ghamel hlas minkejja;
   (b) L-appellant xehed li mar l-ufficcju tal-appellata ghal habta tas-sena 2010. Min-naha l-ohra fir-rikors tal-appell semma Lulju 2011. Dan juri element ta' inkonsistenza fil-verzjoni li ta. Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2014 gie mistoqsi x'kienet ir-raguni li kien li d-dghajsa ttellghet mill-bahar fis-sena

[1] Pierre Balzan xehed: *"Qed naghraf il-fatturi a fol. erbgha (4) u hamsa (5) tal-process u nikkonfermahom bhala dak illi l-kumpannija tieghi ghandha tiehu minghand il-konvenut. Dawk l-invoices ghadhom pendenti sal-lum"* (fol. 35).

2010 filwaqt li fir-risposta qal li kien f'nofs is-sena 2011, wiegeb *".... dak li xehedt ma ghidtux bil-preciz ghax jien ma nzomm djarju ta' meta tellajt"*. Pero' meta xehed l-ewwel darba ma wera l-ebda sinjal ta' incertezza dwar is-sena li fiha suppost id-dghajsa ttellghet mill-bahar;

(c) Mill-*berthing sheets* li gew prezentati ghall-perjodu mill-ahhar ta' Mejju 2011 sa nofs Jannar 2012 jirrizulta li Nikapoint kienet irmiggata fil-port tal-Imgarr. Dokumenti li jikkontradicu l-verzjoni tal-appellant li d-dghajsa ma' baqghetx irmiggata;

(d) L-appellant ma ressaq l-ebda prova li tikkorabora l-verzjoni tieghu;

(e) Greta Vella, ufficjal tal-kumpannija appellata, xehedet: *"Sussegwentement skoprejt li s-sur Joseph Spiteri kien f'Lulju tas-sena 2011 hallas l-ammont ta' €339.67. Dan il-pagament kien inqata' mill-invoice 1218 li harget minn hml"* (fol. 15). Fatt li jikkontradici l-verzjoni tal-appellant li ghal habta tas-sena 2010 id-dghajsa Nikapoint ma baqghetx irmiggata fil-port;

Fid-dawl tal-provi li tressqu l-qorti ma tistax tikkonkludi li t-Tribunal ma seta' qatt jasal ghal konkluzjoni li wasal ghaliha. Ghalhekk ma tarax li hemm bazi biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

3. Gialaldarba rrizulta li l-appellant baqa' juza l-irmigg, allura ghandu dmir li jhallas. Hu veru li ma kienx iffirma kuntratt mal-appellanti. Pero' mill-provi rrizulta li b'sehh minn Mejju 2010 it-tmexxija tal-marina ghaddiet ghand l-appellata. Ghaldaqstant, il-hlas ghall-uzu tal-irmigg sar dovut lill-appellata irrispettivament jekk il-kontendenti ffirmawx kuntratt jew le. Dan apparti li l-appellant stess accetta li hlas hu dovut lill-kumpannija appellata tant li matul is-sena 2011 hallas is-somma ta' €339.67.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**. **Tawtorizza lill-appellata biex tirtira mill-atti d-dokumenti esebiti mix-xhud Gennaro Xerri meta xehed fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2013**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------